DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182151** **05.10.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Notte Bianca 2018: il-pubbliku mistieden iżur il-Parlament ta' Malta***

Tul il-lejl ta' Notte Bianca 2018, li ser issir nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru 2018, il-pubbliku ser ikun jista' jżur il-Kamra tad-Deputati bejn is-sitta ta' wara nofsinhar u nofsillejl. Dawn iż-żjarat ser ikunu organizzati bi gwidi li ser jagħtu tagħrif dwar ix-xogħol li jsir f'din l-istituzzjoni, kemm fir-rigward ta' dak li jsir fil-plenarja u kif ukoll dwar dak li jiġi diskuss fil-Kumitati tal-Kamra. Waqt din iż-żjara, wieħed ikun jista' japprezza wkoll t-teknika li tintuża biex titħaddem din il-binja bl-inqas impatt fuq l-ambjent kif ukoll id-disinn tal-istruttura u kif din ġiet integrata f'ambjent mimli bini storiku.

***Science in the House***

Matul din l-edizzjoni tan-Notte Bianca, dawk kollha li jkunu qed iżuru l-bini tal-Parlament ta' Malta jistgħu anke jżuru l-wirja *Science in the House* li tifforma parti minn attività annwali imsejħa *Science Week in the City 2017* imtella' mid-Dipartiment tax-Xjenza tal-Università ta' Malta, flimkien mal-*European Researchers' Night Consortium.* L-esibiti jikkonsistu f'xogħlijiet ta' riċerka li qed isiru fl-Università fl-oqsma tal-mediċina u s-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-ambjent, l-informatika (ICT), l-inġinerija, studji soċjali, u oqsma oħra tal-ħajja.

***Wirja ta' arti astratta: Spagnol Suriet l-Ispirtu***

Fl-intrata tal-Parlament ta' Malta ser ikun hemm il-wirja 'Spagnol Suriet l-Ispirtu' ta' Anthony Spagnol miż-Żejtun. Fl-arti astratta, Anthony Spagnol, li bħala professjoni huwa restawratur tal-arti, juża l-ilwien, id-dawl u figuri sabiex jesprimi l-ħsibijiet tiegħu dwar l-ispirtu l-waħdieni, li jista' jgħix f'kull wieħed minna bħala bnedmin, diment li nagħmlu t-tajjeb.

***Giovanni Curmi Higher Secondary School***

Din is-sena l-iskola Giovanni Curmi Higher Secondary School se tkompli tibni fuq l-attività li ta' kull sena ttella' fil-Parlament ta' Malta billi permezz ta' għalliema u studenti li se jkunu fl-intratura tal-binja biex jagħtu tagħrif dwar l-istudji akkademiċi li jingħataw f'din l-iskola. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa mmirat lejn dawk iż-żgħażagħ li temmew jew huma fl-aħħar sena tal-edukazzjoni sekondarja tagħhom u qed jaħsbu biex ikomplu l-istudji tagħhom.

***Oħloq Kultura fil-Parlament***

Din hi wirja żgħira ta' opri tal-arti fejn numru ta' tfal, b'mod kreattiv spjegaw lill-kbar il-ħsieb artistiku u kulturali tagħhom. L-għan aħħari hu sabiex l-istess tfal joħorġu b'ideat ġodda bi tħeħħija



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

għal meta Malta terġa' tospita l-Belt Kulturali tal-Ewropa. Din il-wirja tagħmel parti mill-proġett "Oħloq Kultura" li tifforma parti integrali mill-programm tal-attivitajiet *Valletta 2018*.

Il-membri tal-pubbliku, li jixtiequ jżuru l-Parlament, għandhom ikollhom fuqhom il-karta tal-identità jew dokument uffiċjali ieħor ta' identità. It-tfal għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom.